MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

26 ta' Mejju 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 6,Triq Kbira, Ħ'Attard, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.48pm peress li kulħadd kien preżenti qabel fil-ħin.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li l-Avukat Silvio Brincat xtaq jiċċara li l-permess ta' Stefania dak insista li jiġi approvat imma jekk iridu jagħmlu rampa għad-diżabbli barra l-platform trid tintuża' l-istess parking bay u mhux jitolbu oħra.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

12.3.1 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina qal li xtaq jinfurmahom li issa kien hemm l-approvazzjoni biex l-Uffiċċini jimxu għal Triq Sant'Anna sakemm jinstema' l-appell u joħroġ il-permess tan-naħa l-oħra. Saret ukoll talba lid-Dipartiment għall-fondi ulterjuri minħabba l-ispiża mhux maħsuba. Qal li jridu jsiru xi spejjeż bħall-għamara, tiswija ta' dwal u trasferiment ta' linji tat-telefon u internet *cabling* imma mhux xi spejjeż kbar liema fondi ha jittieħdu minn tar-Reġjun. Saqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet fuq dan. L-Avukata Helen Caruana saqsiet jekk id-Dipartiment saritlux talba biex jgħin jew biex jassorbi l-ispiża. Is-Sur Cordina qal li t-talba saret biex tinġab il-kera kollha minħabba li finanzjarjament l-ispiża ma kinitx maħsuba. Is-Sur Mangion saqsa kemm hi l-kera? Is-Sur Cordina qal li kienet ġa diskussa preċedentament u li hi €900 fix-xahar. Kien hemm stimi oħrajn imma din kienet l-irħas.

Il-Perit Schembri saqsa jekk hemmx ħjiel meta deħlin fl-uffiċċini l-ġodda? Is-Sur Cordina qal jekk kollox imur sew jidħlu fl-uffiċċini l-ġodda sal-1 ta' Ġunju. Saqsa wkoll kif se jagħmlu n-nies biex isibuna? Is-Sur Cordina qal li m'hemmx bogħod u ha jsiru avviżi, tabelli li jindikaw id-direzzjoni u anka nota mal-bieb. Is-Sur Bartolo propona wkoll li jiġi nfurmat il-Kappillan biex javża waqt il-quddies.

12.3.2 *Żona Pedonali*

Is-Sur Cordina qal li l-aħħar laqgħa kienu tkellmu fuq żona pedonali fiċ-Ċentru tar-raħal. Hu qal li l-Kunsill irċieva imejl mill-AKL li ħa jingħataw xi għajnuniet bħal siġar u hekk sabiex il-Kunsilli jinvolvu ruħhom f'din is-sistema ta' SLOW STREETS. Peress li ma kienx hemm żmien il-Kunsill bgħat risposta li jixtieq jipparteċipa u mbagħad ħalli wara jaraw u jiddiskutu per eżempji jekk għandhiex tingħalaq xi parti mill-*village core.*
*18.05 Victor Galea ħareġ mill-Live Streaming*
Is-Sur Cordina qal li jrid ikun hemm xi forma ta' *enforcement* mhux ċitazzjonijiet u barra minn hekk ir-residenti iridu jingħataw aċċess minn toroq ohra.

*18.04 Connie Scerri ħarget mill-Live Streaming*
Is-Sur Mangion qal li trid issir konsultazzjoni mar-residenti u kompla s-Sur Cordina anka waqt il-ħin tal-quddies irid isir kollox bi ħsieb.
Is-Perit Schembri qal li barra l-ħin tal-quddies wieħed irid jara kollox mill-aspett ta' *Commercial area* u għaldaqstant propona li jsir Master Plan. Qal ukoll li jistgħu isiru sinjali, fanali u affarijiet oħra saħansitra tarmak b'kulur differenti. Is-Sur Cordina qal li xi forma t'għajnuniet ħa jkun hemm.
*18.08 Connie Scerri daħlet lura live*
*18.10 Connie Scerri ħarget mill-Live Streaming*
L-Avukat Brincat qal li wieħed irid iżomm ġo moħħu ukoll il-bidliet tas-Central Link qabel ma jsir xi ħaġa mhux wara jrid ikun jerġa' jiġi rivedut.
Is-Sur Bonnici qal li anka waqt ġranet xitwin wieħed irid jagħti każ l-anzjani minħabba x-xita.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Connie Scerri

- Saqsiet jekk waqt l-infjorata tal-Belt quddiem il-Main Guard ingħatajniex xi fjuri lura għax kienet qrat li ingħataw lill-Kunsilli Lokali.

Saqsiet jekk il-Kunsill ibbenefikax mill-fondi tal-Planning Development Fund taħt il-fond Sebbaħ il-Lokalità. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill diġà applika għall-proġetti oħra taħt dan il-fond u jekk ikun il-każ ħa japplika għall-iktar. Qal ukoll li dan il-fond li jiġi minn permessi tal-bini jiġi wkoll utilizzat minn NGO's ukoll. Hemm proġetti applikati bħal Tal-Katlan eċċ

- Saqsiet f'hiex wasal ix-xogħol fuq il-Librerija. Is-Sur Cordina qal li jekk qed tirreferi għall-Info Centre ix-xogħol għadu ma bediex.

12.4.2 Remigio Bartolo

- Qal li kellhom jitkellmu u jsibu ġurnata għal Jum Ħ'Attard. Qal li kellhom jiddiskutuha u ta' min sa laqgħa li jmiss jaħsbu fuqha.
- Qal li sema wkoll li xi lokalitajiet oħrajn kienu għamlu xi esebizzjoni ta' artisti rinomati bħal Bonnici u Qasha

12.4.3 John P. Bonnici

- Propona li Jum Ħ'Attard isir f'Diċembru. Is-Sur Cordina qal li jekk insibu ġurnata insibu ġurnata sinonima ma' Ħ'Attard
- Plakka tas-Salvatur – sabiex jagħmel kuntatt u terġa teħel mad-dar li kien hemm qabel.
- Talab li titranga mera fi Triq l-Imdina.

12.4.4 Alex Mangion

- Saqsa fuq it-tarmak ta' Triq Kananea biex ma jinsewx jagħmlu l-aħħar *layer.*

12.4.5 L-Avukat Brincat

- Propona li Jum Ħ'Attard isir ġimgħa qabel jew ġimgħa wara l-Festa

12.4.6 Perit Giorgio Schembri

- Talab li jiġi kkunsidrat li l-attivitajiet isir l-Gimgħa jew is-Sibt ta' qabel Santa Marija imma mhux fost il-ġimgħa.

12.4.7 Avukata Helen Caruan

- Qalet li żmien il-festa mhux żmien adattat għax ikun hemm ħafna attivitajiet u għalhekk mhux żmien
- Ħajt ta' Venezia Court. L-ittra inkitbet imma ma kienx hemm risposta.
- Qalet li ġiet avviċinata minn ċertu waħda Claire Bugelli minħabba incident li seħħ fi Triq Wied is-Sewda. Qalet li ma xtaqietx tidħol fil-mertu tal-inċident u li din il-persuna partikulari għandha ittra mingħand TM li l-area taqa' taħt il-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li skont id-Dipartiment din l-area partikulari ma taqax taħt il-Kunsill. L-Avukat Caruana qalet li hi xtaqet biss tgħid li jekk hemm xi ħsarat jissewwew u jekk huma tagħna ma jkunx hemm *claims* oħrajn. L-Avukat Brincat qal li jekk jissewwa u ma jkunx tal-Kunsill dan ikun iffisser li qed jassumi responsabbiltà
- Qalet li ġiet mistoqsija fuq il-marki tal-ħwienet tas-*Social Distancing*. Is-Sur Cordina qal li hemm il-ħsieb li r-Reġjun jiffinanza xi marki imma ma jistax ikun li l-Kunsill jassorbi ċertu spejjeż għoljin. L-Avukat Caruana qalet li l-ideja hu li l-Kunsill jidher proattiv. Qalet ukoll li l-ħsieb li kellha li kien hemm dawk il-fondi tal-Kappella ta' San Pawl u jekk ma jiġux assorbiti kollha jintużaw minnhom. Qalet ukoll li wara ma jsirx diskors li l-Kunsill ta' Ħ'Attard m'għamel xejn. Is-Sur Cordina li l-istqarrija ġiet iċċarata li min irid jagħmilhom imma ma jfissirx li l-Kunsill irid jassorbi kollox. Għalhekk kompla s-Sur Cordina, kif il-Kunsill ikollu l-istimi jerġgħu jiddiskutu.

12.4.8 Victor Galea

- Saqsa fuq il-post il-ġdid u ngħatat spjega mill-ġdid bħal fuq.
- Qal li Triq Ferdinand Inglott, Hafur, Tumas Chetcuti, Xarolla u Luigi Ellul hemm bżonn jinżel il-bowzer darbtejn fil-ġimgha. Saqsa jekk saritx pressure biex jitnaddfu t-toroq.

Perit Giorgio Schembri

- Qal li fuq dak li qal s-Sur Galea trid issir pressjoni fuq l-Awtorità tal-Ippjanar fuq mitigation plan sabiex fix-xhur sajfin ikun hemm kontroll fuq it-trab.

## 12.5 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Awditjati

12.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm differenza żgħira fil-profitt tal-Kunsill li ġiet minn ri-allokazzjoni ta' fondi li ma qablux fuqhom l-Awdituri u li hi bhalha amministrattur aċċettat li jiġu rilokati bħal garanzija bankarja li ma ġiet *accounted for* u li waslet biex terġa tinġabar. Hi qalet ukoll li kien hemm ammont ieħor ta' €15,000 li l-Awdituri ħasbu sew li kellha tmur bħalha spiża u mhux bħalha deferred income. Il-bqija kompliet is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi sodisfatta ħafna bl-awditjar għax l-affarijiet li kien hemm kienu vera minuri.
L-Estimi ġew approvati

## 12.6 Rapporti

12.6.1 Ġie ppreżetat ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena Ottubru – Diċembru 2019 li ma kien xejn ħlief recap tal-estimi finanzjarji.

## 12.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa jsir Webinar fuq fondi ta' sostenibbilità tal-enerġija sa massimu ta' €60,000. Il-Perit Giorgio Schembri wera nteress u talab li jintbghatlu l-link.

## 12.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

12.8.1 Approvati wara li l-Avukat Caruana saqsiet fuq item 81 laptop repairs u qalet li jekk ikun hemm xi ħaġa bħal din forsi peress hemm dak l-agreement, dan jissewwa b'xejn minn Notebook Centre. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan il-każ dan il-laptop ma kellux bżonn formatting, cleaning jew virus detection imma nkiser l-i*screen* tiegħu w'għalhekk ma kienx jaqa' taħt dan il-pakkett. Ġie approvat u miżjud pagament ta' xi xiri ta' bżonnijiet tal-Uffiċċju ta' darba f'xahar.

## 12.9 Mozzjonijiet; u

12.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 12.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.02pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Ġunju 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Ġunju 2020.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv